27 ta' Ottubru, 1951.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Tabone *versus* Emmanuele Dingli

**Kompetenza — Impriża Edilizja — Att ta' Kummerċ — Kummerċjant — Appalt — Danni — Art. 5 (h) (i), 7, u 640 (a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Min jintrapprendi xogħlijiet ta' impriża edilizja jagħmel att tal-kummerċ; u min jagħmel atti tal-kummerċ "in testa propria" u abitwalment huwa kummerċjant, u jaqa' taħt il-preżunzjoni legali li kwalunkwe att tiegħu huwa ta' natura u karattru kummerċjali, ammenokkè dak l-att ma jkunx tali li juri per sè li huwa ta' natura ċivili, jew li ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ.*

*Il-linja żgura ta' demarkazzjoni bejn atti merament ċivili u atti tal-kummerċ hija l-kawża ta' l-att; u dottrinarjament dejjem ġiet mantenuta d-distinzjoni ta' l-attijiet kummerċjali ta' karattru assolut, li dwarhom ma hemmx lok li ssir indaġini dwar b'liema intenzjoni jew diviżament wieħed jew l-ieħor mill-kontendenti ikun stipula l-att li jkun in diskussjoni.*

*Jekk l-att li bih jiġi kaġunat dannu huwa kummerċjali, l-obligazzjoni li titnissel minn dak l-att għar-rifazzjoni tad-danni tassumi*

*wkoll karattru kummerċjali, u l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' l-azzjoni għal dawk id-danni hija l-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur talab li, wara li jiġu mogħtija d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti meħtieġa, peress illi waqt li l-konvenut kien qiegħed jikkostruwixxi l-fond tiegħu nru. 29 St. Lazarus Street, Kospikwa, huwa mess il-ħajt diviżorju bejn dan is-sit u l-proprjetà ta' l-attur numri 24 u 25 St. Lazarus Street, Kospikwa, neħħielu l-forza tiegħu, u ikkrea perikolu tali li l-ħajt imsemmi jista' jikkrolla; u peress illi l-Pulizija, b'ċitazzjoni, talbet u otteniet il-kundanna ta' l-attur ħalli jneħħi l-perikolu fuq imsemmi, taħt penali ta' 2s. 6d. kuljum wara xahar mis-sentenza; u peress illi l-attur ipprotesta ruħu għall-agir illegali talkonvenut bi protest tal-14 ta' Ottubru 1950, fejn irrenda lill-konvenut responsabbli tad-danni sofferti u li għad jista' jsofri; u peress li, ċjò non ostanti, il-konvenut naqas li jwieġeb għaddiversi sejħat li għamillu l-attur bil-fomm u bil-miktub; il-konvenut jiġi kundannat jirripara fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu fissat minn din l-Onorabbli Qorti, il-ħsara kollha li huwa ikkaġuna fil-ħajt li jaqsam il-proprjetajiet nri. 24, 25 u 29 Saint Lazarus Street, Kospikwa, ta' l-attur u l-konvenut rispettivament, billi jerġa' jpoġġi l-ħajt kif kien, u in difett l-attur jiġi awtorizzat jagħmel l-imsemmi xogħol a spejjeż tal-konvenut, billi okkorrendo jiġi nominat perit ħalli jiddirieġi l-imsemmi xogħol. Bl-ispejjeż, fimkien ma' dawk tal-protest ta' l-14 ta' Ottubru 1950 u ta' l-ittra uffiċjali tat-2 ta' Marzu 1951, kontra l-konvenut; salva l-azzjoni għad-danni;

***Omissis;***

**Ikkunsidrat;**

Illi qabel xejn jingħad li fit-trattazzjoni, sa mill-ewwel seduta, il-partijiet qablu li fl-interess ta' kulħadd u ta' min jista' jkollu interess kien suġġeribbli li jiġi nominat perit tekniku, bla preġudizzju tar-rispettivi drittijiet tagħhom u ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut, sabiex jiġi konstatat l-istat tal-ħitan in kwistjoni minaċċjanti perikolu immedjat, u jiġi eventwalment l-ewwelnett rimoss l-istess perikolu ħalli ma jkunx hemm dannu ulterjuri u perikolu ta' xi eventwali azzjoni kriminali oħra aktar ta' natura gravi. Kien għalhekk li din il-

Qorti fl-interess ta' kull min seta' kellu nteress hasset id-dover pubbliku li tgħaddi għal dik in-nomina bl-inkariki lill-perit tekniku msemmija fl-istess d'griet tan-nomina tiegħu;

Illi l-lum ma hemmx kwistjoni li dak il-perikolu lill-proprjetà ta' ħadd ieħor u tan-nies spiċċa u għadda bl-opri li saru mill-perit tekniku maħtur mill-Qorti; u kwindi l-kawża sejra tidħol fil-fażi normali tagħha;

Illi in vista ta' dana li ntqal, u peress li dak kollu li sar ġie adempjut bla preġudizzju ta' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, dina l-Qorti tħossha fid-dmir li tiddirimi dik l-istess eċċezzjoni;

Illi huwa tajjeb li jiġi premess li l-konvenut huwa appaltatur, jew kuntrattur ta' xogħlijiet ta' impriżi edilizji (ara dep. A.I.C. Louis Mifsud..........), u kien intrapprenda li jtalla' xi xogħlijiet tal-bini bil-flus tal-War Damage Commission, liema bini kien kontigwu ma' dak ta' l-attur. Bħala tali huwa kien qiegħed jispekula, u kwindi kien qiegħed jagħmel indubbjament att ta' kummerċ (ara sez. 5 ittri (h) u (i) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 17 ta' l-Edizzjoni Riveduta, u Vol. XXVIII, P. III, paġ. 961, Kummerċ 7 ta' Ġunju 1932, in re "Negoziante Enrico Zammit vs. Edoardo Pizzuto nomine", konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Ottubru 1932); apparti wkoll li l-istess konvenut huwa anki kummerċjant, bħala li abitwalment jagħmel u jintrapprendi attijiet tal-kummerċ simili "in testa propria", u kwindi bħala tali juqa' taħt il-preżunzjoni legali, fis-sens li kwalunkwe att tiegħu għandu jkun preżunt ta' natura u karattru kummerċjali, ammenokkè mhux tali li juri per sè li huwa ta' natura ċivili jew li ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ (ara sezzjoni 7 tal-Kodiċi tal-Kummerċ fuq imsemmi);

Del resto, dak li jistabbilixxi l-linea sigura ta' demarkazzjoni bejn att merament ċivili u att tal-kummerċ hija l-kawża ta' l-att (ara sentenza tar-Regio Senato di Genova u Magistero del Consolato di Nizza, 20 ta' Frar 1839, Mantelli, Giurisprudenza del Codice di Commercio, Vol. I, paġ. 250 u ta' wara, bin-noti, Alessandria, Luigi Giudetti Tipografo-Libraio, 1844). Jingħad ukoll li dottrinalment dejjem ġiet mantenuta d-distinzjoni ta' l-attijiet kummerċjali ta' karattru assolut, li dwarhom ma hemmx lok ta' l-eżami u indaġini b'liema inten-

zjoni jew diviżament wieħed jew l-ieħor mill-kontendenti jkun stipula l-att li jkun in kontestazzjoni;

Tabilħaqq, l-operazzjonijiet tal-kambju u ċerti attijiet ta' kummerċ marittimu, u bħalma huma wkoll il-kambjalijiet li jkollhom l-elementi meħtieġa li jrid il-Kodiċi tal-Kummerċ, ma jistgħux ma jkunux ta' natura kummerċjali, bla bżonn ta' ebda eżami jekk l-istess ikunux jew le saru, jew ġew neguzjati, aktarx għal bżonnijiet individwali jew tal-familja, jew għal finijiet tat-traffiku, jew bl-iskop tal-qligħ, jew fini ieħor ta' spekulazzjoni. Għall-kuntrarju, l-attijiet l-oħra li ma humiex kunsidrati bħala attijiet kummerċjali, ħlief meta min jikkontrahihom ikun dwarhom ippropona xi profitt jew spekulazzjoni, ma jkunux suġġetti għall-kompetenza tat-Tribunali tal-Kummerċ ħlief meta min jagħmilhom ikollu l-mira u l-iskop li bl-operazzjoni tagħhom jottjeni xi gwadann minn negozjazzjoni li tagħti lok għall-istanza ġudizzjarja. Hekk ikun il-każ ta' min jixtri merkanzija sabiex j'spekula bir-rivendita, jew anki in natura, jew sabiex, wara li jaħdimha u jagħmilha oġġett jew opra, huwa jkun jista' jbigħha bi profitt, jew anki sempliċement biex jikriha bi profitt;

Illi, stabbilit il-fatt li l-att li kien qiegħed jagħmel il-konvenut meta kkaġuna l-preġiż dannu reklamat kien ta' natura u karattru kummerċjali, il-Qorti għandha teżamina jekk l-azzjoni ta' danni, li tista' tkun dovuta sew għal dolo kemm għal kolpa, in konsegwenza ta' dak l-att, għandhiex tiġi nvestita jew ikollha mpressa l-karatteristika kummerċjali ta' l-azzjoni prinċipali li tkun ta' karattru tali;

Illi huwa minnu li skond l-art. 640 (a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, huma ta' natura kummerċjali l-kwistjonijiet kollha dwar "obligazzjonijiet u kuntratti" bejn kummerċjanti, jekk ma jidhirx mill-att innifsu li l-affari hija purament ċivili;

Illi jingħad inoltri li l-azzjonijiet li għandhom bħala subtrat fatt illeċitu, u li jikkomprendu delitti jew kważi-delitti, ma jistgħux jiġu annoverati fost l-attijiet obbjettivi tal-kummerċ (ara sez. 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ); il-għaliex l-attijiet imdaħħla taħt l-artikolu fuq imsemmi jassumu obbjettivament dik in-natura għaliex il-leġislatur ħares lejn l-essenza tagħhom, u mhux ġà lejn il-persuna li tagħmilhom. Fi kliem ieħor, huma jikkonservaw n-natura tagħhom kummerċjali anki jekk

jiġu magħmulin jew kompjuti minn min mhux kummerċjant. Iżda n-natura ta' l-obligazzjoni li titnissel mid-delitt u kważi-delitt, li ma hix imdaħħla taħt dik l-elenkazzjoni, magħmula "demonstrationis causa" fl-art. 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, ma tistax tingħad li hija kummerċjali jew ċivili assolutament, imma, kif huwa assodat fid-dottrina moderna l-aktar reċenti, tassumi l-karattru kummerċjali jew ċivili skond jekk l-istess delitt jew kważi delitt jiġi magħmul għar-raġuni tal-kummerċ tal-persuna jew inkiele jkun estraneu għal dak il-kummerċ;

Huwa minnu li hemm min jaħseb li t-Tribunali tal-Kummerċ huma dejjem inkompetenti li jikkonoxxu azzjonijiet ta' indennità għal kważi-delitti (ara Pardessus, Diritto Mercantile, Vol. I, parag. 53, paġ. 104-105, u Kummerċ 22 ta' Frar 1926 in re "Andrea Mizzi ed altri vs. Giuseppe Mizzi ne.", Vol. XXVI—III—627, fejn dana l-prinċipju ġie affermat b'mod assolut), imma fi Franza l-ġurisprudenza l-aktar komuni tammetti l-kompetenza tat-Tribunali Kummerċjali meta d-dannu jiġi arrekat minn kummerċjant fl-eżerċizzju tal-kummerċ tiegħu lil kummerċjant ieħor (ara Aluzet, Tomo IV, art. 631, para .no. 2009, u Massè, Droit Commercial, Vol. IV, paragrafo 2608 u ta' wara, paġ. 461 u ta' wara, Ediz. 4ta.); u dwar persuni oħra li ma jkunux kummerċjanti, u li jkunu sofrew dannu minn kummerċjant, kien ġie maħsub li jingħata lid-danneġġjat id-dritt tal-għażla tat-tribunal li għandu jadixxi, u ċjoè sew dak ċivili sew dak kummerċjali, skond kif kien jidhirlu li għandu jagħmel (ara Journal de Palais, annu 1867, deċiżjoni li tinsab fil-paġina 910). Imma din l-aħħar teorija tal-għażla mhix possibili u applikabili assolutament skond il-liġi tagħna (ara art. 37 (3) tal-Kodiċi di Rito, Kap. 15). L-awturi taljani "in subjecta materia", jippropendu għall-opinjoni li meta l-fatt leżiv tad-dritt ta' ħadd ieħor jiġi kommess b'dolo, kolpa, jew semplici negligenza jew imprudenza, u jiverifika ruħu fl-okkażjoni jew a kawża ta' l-eżerċizzju tal-kummerċ, l-azzjonijiet relativi minnu imnissla jidħlu taħt il-materja kummerċjali (ara Pipia, Trattat tad-Dritt Kummerċjali, Vol. V, paġ. 43 u 44, parag. 63 u 64, u Vivante, Diritto Commerciale, Vol. I, parag. 87, 88 u 91);

Illi kwindi l-obligazzjoni li titwieled minn fatt delittuż jew kolpuż tassumi karattru kummerċjali, sew jekk dak ikun

l-iskop tagħha, sew jekk tkun marbuta ma' att kummerċjali; u dana l-karattru huwa manifestament espress fl-espressjoni "fl-obligazzjonijiet" adoperata mill-art. 640 tal-Kodiċi Kummerċjali, indipendentement minn kwalsijasi rapport kontrattwali bejn id-danneġġjant u d-danneġġjat, kif ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ġunju 1909, in re "Salvatore Cassar vs. Amabile Borg", Vol. XX, P. I, paġ. 305;

Illi jekk l-impriża assunta mill-konvenut hija ta' natura kummerċjali, kif mhux dubitat, l-indaġini fuq il-ħtija tal-konvenut trid tabilfors tieħu debitu kont tal-kondizzjonijiet tekniċi ta' dik l-istess impriża kummerċjali, u kwindi għandha ssir quddiem il-Qorti tal-Kummerċ;

Illi jista' jingħad li 'l-quddiem, meta tiġi mmexxija l-kawża fi stadju ulterjuri, tista' tinstab in-neċessità tas-sejħa fil-kawża ta' xi persuna oħra li mhix kummerċjant abitwali, jew li hija mhix suġġetta għall-liġi kummerċjali, u kwindi jkun il-każ li jkun hemm konvenut kummerċjant u msejjaħ fil-kawża mhux kummerċjant, li l-foro tiegħu jkun it-Tribunal Ċivili, u għalhekk jaqbel li tibqa' dejjem quddiem din il-Qorti; imma dik l-obbjezzjoni hija doppjament żbaljata, il-għaliex l-ewwelnett, fir-regolament tal-kompetenza qabel xejn għandu jipprevali l-prinċipju ta' l-oġġettività ta' l-att, u mbagħad il-prinċipju soġġettiv tal-persuna, u t-tieni nett, il-partijiet qatt ma għandhom id-dritt li jwarrbu u jinjoraw il-kompetenza tat-tribunali, il-għaliex dik hija materja li hija poġġuta fuq il-prinċipju ta' l-ordni publiku; u fl-aħħarnett, jingħad ukoll li ġie deċiż li meta tiġi sollevata l-inkompetenza "ratione materiae" minn xi waħda mill-partijiet, jew "ex officio" mill-Qorti, dik l-istess inkompetenza tiswa għall-imħarrkin kollha, anki għal dawk li ma setgħux iċaqilquha, jew għal dawk li ma jkunux ġiebuha 'l-quddiem (ara Prim'Awla Ċivili 2 ta' Mejju 1935, in re "Giuseppa armla ta' Alfonso Gauci vs. Giuseppe u Elena miżżewġin Sammut", konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1935 (Vol. XXIX, P. II, paġ. 468, fejn hemm riportata s-sentenza tal-Prim'Awla);

Illi in vista ta' dana li fuq intqal dina l-Qorti tħoss li għandha tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara li l-kawża in kwistjoni hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ, u mhux ta' din il-Qorti, bl-ispejjeż ta' l-inċident ta' l-inkompetenza biss għall-attur; salvo, dwar l-ispejjeż l-oħra, li l-istess jiġu deċiżi fil-ġudizzju "di merito".